***Kunsill Lokali Ħamrun***
***683 A, Triq il-Kbira San Ġużepp,***
***Ħamrun***
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret il-mitejn u ħamsa u sittin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Ħamis 21 ta' Mejju 2009 fil-5.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | V/Sindku |
| Is-Sur Johnaton Abela | Kunsillier |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D | Kunsillier |

Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja u s-Sur Cedric Valletta kienu skużati mill-laqgħa.

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti

*3.1.* Il-minuti tal-mitejn u tlieta u sittin laqgħa (laqgħa straordinarja) tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

*3.2.* Dr. Paula Mifsud Bonnici pproponiet mozzjoni biex fl-aħħar tal-punt numru 5.6 tal-minuti tal-mitejn u erbgħa u sittin laqgħa tal-Kunsill jidhlu l-kliem "Dr. Paula Mifsud Bonnici spjegat li tinsab preokkupata li dan il-Bord jista jieħu deċiżjonijiet li jolqtu l-Kunsill mingħajr ma l-Kunsill ikollu sehem fid-deċiżjoni".

Is-Sindku ssekonda.

Ir-riżoluzzjoni ġiet approvata unanimament.

Wara li saret il-korrezzjoni, il-minuti tal-mitejn u erbgħa u sittin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

## 4. <u>Punti li joħorġu mill-minuti</u>

Fis-5.45pm il-Viċi Sindku daħal għal-laqgħa.

*4.1. Chocolate Festival*

Il-Kunsill iddeċieda li jikseb informazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Attivitajiet kulturali li ser isiru f'Ottubru qabel tiġi deċiża d-data meta ser issir iċ-*Chocolate Festival*.

*4.2. Il-Palio*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li qed iħejji rendikont finanzjarju tal-attivita' tal-Palio. Sadanittant ġie deċiż li tintbgħat ittra ta' ringrazzjament lill-persuni li kkontribwixxew għall-attivita'.

*4.3. Madum fi Triq il-Kbira San Ġużepp*

Qed jinġabru stimi għall-partijiet ta' Triq il-Kbira San Ġużepp li għadhom qatt ma saru bil-madum.

*4.4. Korsijiet tal-Kompjuter*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser ikellem lill-iscouts biex jieħdu ħsieb it-tqassim tal-*flyers* tal-Korsijiet tal-Kompjuters. Ser jinġibdilhom l-attenzjoni biex it-tqassim isir ġewwa l-*letter boxes* tar-residenzi u mhux fuq turġien.

*4.5. Arbli għall-bnadar*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-arbli tlestew u li l-bażi għall-arblu fi Triq il-Kbira San Ġużepp in-naħa tal- Blata l-Bajda tlestiet ukoll. Huwa spjega li teżisti problema għall-post fejn ser jitpoġġa l-arblu fi Triq Kappillan Mifsud.

Ġie deċiż li nhar it-Tnejn, il-Kappillan tal-Parroċċa San Gejtanu jiġi fl-uffiċċju tal-Kunsill fis-6.00pm biex ibierek il-bnadar.

*4.6. Grupp Armar Festa Immakulata Kunċizzjoni*

Il-Kunsill irċieva t-talba mingħand il-Kappillan tal-Parroċċa Immakulata Kunċizzjoni biex il-Grupp ta' l-Armar jingħati 8 għotjin għall-ħofor ta' l-arbli l-ġodda. Il-Kunsill approva li jingħataw it-8 għotjin.

*4.7. Ħamrun Spartans F.C. Youth Nursery*

Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-Ħamrun Spartans F.C. Youth Nursery biex jiġi spjegat li l-kuntratt għalaq u għalhekk fil-preżent ma jistax ikompli jsir ħlas ta' trasport għan-nursery.

*4.8. Laqgħa ma' l-Uffiċċjal Awtorizzat*

Ġie deċiż li qabel ma ssir il-laqgħa ma' l-Uffiċċjal Awtorizzat waqt il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss, issir laqgħa bejn il-Kunsilliera f'dan ir-rigward. Ġie deċiż li l-laqgħa ssir l-Erbgħa 17 ta' Ġunju 2009 fis-6.00pm.

## 5. Korrispondenza

Il-kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn l-24 ta' April u l-21 ta' Mejju 2009.

*5.1. Is-Sur Johnaton Abela – Talba għall-barrier tal-ħadid*

Is-Sur Abela talab biex il-Kunsill iwaħħal *barrier* tal-ħadid temporanja quddiem ir-residenza 95, '*God Loves You'*, Triq Giovanni Barbara għal-raġunijiet ta' sigurta'. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ltaqa' ma' uffiċċjal ta' l-ADT li kien qed jispezzjona l-post biex japprova li jitwaħħlu l-*barriers*. Ġie deċiż li tintbgħat ittra lill-familja Aquilina biex jiġu nfurmati b'dawn l-iżviluppi.

Fis-6.30pm s-Sur Johnaton Abela ġie skużat mill-laqgħa.

Il-Kunsill iddeċieda li jissospendi l-Agenda sabiex tiġi diskussa t-tema tal-Approvazzjoni tal-*Financial Statements* mill-*Accountant* tal-Kunsill, is-Sur Pierre Mangion.

## 6. Approvazzjoni tal-*Financial Statements* għas-sena finanzjarja 2008/09

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-*Financial Statements* għas-sena finanzjarja 2008/09. (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Is-Sur Pierre Mangion, *Accountant* tal-Kunsill spjega fid-dettal l-istess Financial Statements u wieġeb għall-mistoqsijiet li saru f'dan ir-rigward.

Il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Statements* għas-sena finanzjarja 2008/09.

Fis-6.55pm, s-Sur Mario Caruana ġie skużat mill-laqgħa.

## 5. Korrispondenza (kontinwazzjoni)

*5.2. Ħamrun Table Football Club – Għajnuna Finanzjarja*

Il-Ħamrun Table Football Club talab għajnuna finanzjarja mill-Kunsill għall-*tournament* li ser jipparteċipaw fih barra minn Malta.

Il-Kunsill approva li jagħti donazzjoni ta' €116.47 kif permess bil-liġi.

*5.3. Ħamrun Liberty S.C.*

Il-Kunsill irċieva pjanta li tindika l-armar propost mill-Ħamrun Liberty S.C. għall-festa San Gejtanu. Ġie deċiż li ssir laqgħa fil-post. Ġie approvat ukoll li tingħata donazzjoni ta' €116.47 kif permess bil-liġi.

*5.4. Ministru ta' l-Affarijiet Barranin - Donazzjoni*

Il-Kunsill irċieva talba mill-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin biex jikkunsidra jagħti donazzjoni b'risq il-vittmi tat-terrimot f'Aquila waqt kunċert organizzat għal dan il-għan. Il-Kunsill approva li tingħata għajnuna finanzjarja ta' €100.00.

*5.5. Skola Primarja FX Attard, Marsa – Għoti ta' Premju*

Il-Kunsill iddeċieda li l-Għoti ta' Premjijiet fi *Prize Days* jingħataw biss lill-iskejjel fil-Ħamrun.

*5.6. Sur Alfred Cacciattolo – Parking faċċata tal-Garaxx*

Il-Kunsill irċieva kopja ta' l-ittra li s-Sur Cacciattolo bgħat lill-ADT biex jitneħħa l-parkeġġ faċċata tal-Garaxx li għandu fi 23, Triq id-Duluri, Ħamrun.

*5.7. Dipartiment għall-Gvern Lokali – Skemi ġodda*

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali nieda skemi ġodda li huma "Enterprise Support Award" u "Green Challenge Award". Ġie deċiż li l-Kunsill jevalwa ż-żewġ skemi. Kopja tal-*memo* għandha tngħata ukoll lis-Sur Cedric Valletta. Id-data ta' l-għeluq hija l-31 ta' Lulju 2009.

*5.8. Sinjorina Grech – Un/loading bay*

Il-Kunsill irċieva talba mill-propjetarju tal-ħanut '*Mother Nature'* fejn talbet *un/loading bay* quddiem il-ħanut tal-*grocer* li għandha fi 62, Triq id-Duluri, Ħamrun. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lis-Sinjorina Grech li l-ġeneru tal-ħanut tagħha ma jikkwalifikax għal-*un/loading* skond ir-regolamenti tal-ADT.

*5.9. L-Onor. Dr.Chris Said – Attivita' tal-Palio*

L-Onor. Dr.Chris Said bgħat ittra biex jifraħ lill-Kunsill għas-suċċess miksub bl-attivita' li saret is-Sibt 9 ta' Mejju 2009.

*5.10. Dr.Toni Abela – Attivita' tal-Palio*

Dr.Toni Abela bgħat ittra biex jirringrazzja lill-Kunsill għall-attivita' li saret nhar is-Sibt 9 ta' Mejju 2009 li kienet eċċellenti u ta' livell għoli.

*5.11. Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali – All.4.E.U. Seminar*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jattendu seminar organizzat mill-Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar l-U.E. Is-Sinjura Carmen Borg u s-Sur Arthur Ellul ser jattendu s-Seminar.

*5.12. St.Joseph School – Attivita' – EkoSkola*

Il-Kumitat tal-EkoSkola ta' l-Iskola St.Joseph stiednet lis-Sindku għall-attivita' ta' tħawwil ta' siġar fl-Iskola nhar il-Ġimgħa 22 ta' Mejju 2009.

*5.13. Sur Warren Attard – Un/loading bay*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur tal-Kumpanija WJA Distributors fejn talab *un/loading bay* quddiem il-ħanut tagħhom fi Triq Joe Sciberras, Ħamrun. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lill-ADT.

*5.14. Sur Francis Farrugia – Sotto Kumitat 3*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Francis Farrugia fejn talab biex ikun jaf għaliex ma rċieva ebda korrispondenza minn Settembru 2008 mis-Sotto Kumitat 3 biex jattendi l-laqgħat tas-Sotto Kumitat.

Is-Sinjura Carmen Borg spjegat li hija ma thossix komda taħdem mas-Sur Farrugia u għalhekk m'għadx għandha bżonn is-servizz tiegħu fis-sotto kumitat.

Ġie deċiż li tintbgħat ittra lis-Sur Farrugia biex filwaqt li nirringrazzjawh ta' l-interess, ninfurmawh li s-Sotto Kumitat m'għadx għandu bżonn is-servizzi tiegħu.

*5.15. Gasan Mamo Insurance - Riklam*

Il-kumpanija Gasan Mamo Insurance staqsiet jekk tistax tirreklama avviż fuq il-*homepage* tas-sit elettroniku tal-Kunsill. Ġie deċiż li l-Kunsill jistaqsi x'tip ta' riklam tixtieq tagħmel il-kumpanija.

*5.16. Kappillan Parroċċa San Gejtanu – Quddiesa għal-Jum il-Ħamrun*

Il-Kunsill irċieva ittra mill-Kappillan tal-Parroċċa San Gejtanu fejn spjega li meta jsir invit għal-ġewwa l-Knisja Parokkjali, għandu jkun il-Kappillan jew il-Kappillan u s-Sindku li jistieden. Dan wara li ssir konsultazzjoni mal-Kappillan u tingħata minn qabel il-lista tal-mistednin. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellem lill-Kappillan fejn spjega li fil-futur isiru diskussjonijiet miegħu f'dan ir-rigward.

## 7. <u>Rapporti tas-Sotto Kumitati</u>

*7.1. Sotto Kumitat 1*

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mal-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ltaqgħu ma' rappreżentanti tal-kumpanija Taljana G.I. & E dwar sistema li tintuża biex tnaqqas il-konsum tad-dawl fit-toroq. Ġie deċiż li l-Kunsill jieħu parir ta' Electrical Engineer preferibilment mill-Korporazjoni Enemalta rigward din is-sistema.

*7.2. Sotto Kumitat 3*

- Nhar it-Tlieta 26 ta' Mejju fis-6.30pm ser issir il-preżentazzjoni tal-Premju għall-'Konkors Qalb San Ġorġ Preca' fil-Każin tal-Banda tal-Immakulata Kunċizzjoni. Wara l-premjazzjoni ssir bibita żgħira fil-Każin stess.

- Is-Sotto Kumitat qed jaħdem biex isir kors tad-drama għall-Ħamruniżi.

## 8. Laqgħa tal-Lokalita'

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita' (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimiament l-istess minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita'.

## 9. Għażla ta' offerta – *Construction of Multi Storey Car Park and Council Premises*

Il-Kunsill ġie ppreżentat bir-rapport tal-Kumitat tal-Għażla ta' l-offerti li daħlu għall-Kuntratt ta' *Construction of Multi Storey Car Park and Council Premises* (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament li tintgħażel l-orħos offerta kif rakomandat mill-Bord tal-Għażla, jiġifieri dik tal-Kuntrattur C&F Building Contractors Ltd.

Dr. Paula Mifsud Bonnici spjegat li rċevit xi lmenti minn residenti dwar il-waqfien ta' xogħol fis-sit tas-suq. Is-Sindku spjega li l-Kuntrattur ser ikompli fil-jiem li ġejjien. Sadanittant il-kuntrattur qed jistenna konferma mill-Perit tal-proġett li qed isir biswit is-Suq, sabiex ikun jista jtella' l-ħajt tal-appoġġ.

## 10. Jum il-Ħamrun

Għall-Jum il-Ħamrun ta' din is-sena ser isiru l-imsemmija attivitajiet:

- Konkors 'Qalb San Ġorġ Preca'
- Wirja 'Ħidmet il-Ħamruniżi'
- Twaħħil ta' Arblu tal-Bandiera
- Quddiesa fil-Parroċċa San Gejtanu, il-Ħamis 28 ta' Mejju 2009 fis-6.30pm
- Għoti ta' Ġieħ il-Ħamrun lill-persuna magħżula mill-Bord ta' l-Għażla li ser jiltaqa' nhar il-Ġimgħa 22 ta' Mejju 2009.

## 11. Ħwejjeġ oħra ta' natura urġenti

*11.1. Palma*

Is-Sur Arthur Ellul ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward il-fatt li l-palma li kien hemm fl-ġnejna fi Triq Villambrosa faċċata tal-Knisja ta' San Franġisk u li tħawlet minn

Dr. Antoinne Mifsud Bonnici mietet. Huwa ppropona li titħawwel siġra oħra wara l-irħama komemorattiva.

Il-Kunsill approva li tiġi mħawwla siġra oħra.

## 12. Schedule of Payments

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sal-21 ta' Mejju 2009. (Kopja mehmuża ma' dawn il-Minuti)

Il-Kunsill approva unanimamnet il-ħlas ta' l-istess kontijiet.

## 13. Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fit-8.15pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Erbgħa 24 ta' Ġunju 2009 fil-5.30pm.

Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

Philip Massa
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

DATA